MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 331/2006

Il-Pulizija
(Spt. N. Ciappara)

Vs
Dustin Brownrigg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Settembru, 2004 u matul l-ahhar xahar u nofs ta' qabel din id-data ;
1) ikkonsenja medicina ristretta w psikotropika (ecstasy) lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti jew ma kienx xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu dik il-medicina bi ksur tar-Regolament 10(2) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att V ta' l-1985 kif emendat;

2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) (recte 3(1)) ta’ l-Avviz Legali 22 ta’ l-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta’ l-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 16 ta’ l-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 t' Ottubru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 31(1)(b)(iii)(v) tal-Kap. 9, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i), 120A(1B) kif ukoll it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31, ir-Regolamenti 3(1) u 11(2) tal-Avviz Legali nru. 22/1985, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ta’ hames (5) snin u ghall-hlas ta’ multa ta’ LM2,500 (elfejn u hames mitt lira Maltija). Il-multa tista’ tithallas f’pagamenti ta’ mitt lira Maltija (LM100) kull xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba’ gimghat. Fin-nuqqas ta’ hlas ta’ xi pagament, il-bilanc ikun dovut f’daqqa. Ai termini tal-artikolu 11(3) (proviso) tal-Kap. 9, jekk ebda parti mill-multa ma tithallas din ghandha tinbidel fi tmien xhur prigunerija.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jaghmel process-verbal dwar din id-distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 t’ Ottubru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta’ htija, tvarjaha in kwantu l-piena, billi minflok il-piena ta’ hames (5) snin prigunerija w multa ta’ elfejn u hames mitt lira (LM2,500) tissostitwixxi ghal istess piena, piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li l-piena ta' hames snin prigunerija w multa ta' elfejn u hames mitt lira (LM2500) hija eccessiva meta wiehed iqis li l-appellant ikkollabora mall-Pulizija w zvela l-identita' tal-persuna minn ghand min kien xtara d-droga in kwistjoni w li diversi drabi fejn kien hemm din il-ko-operazzjoni shiha mall-organu gudizzjarju, l-akkuzat ibbenifika minn riduzzjoni fil-piena.

Li fil-mori tal-kawza, meta l-imputat appellant kien irregistra ammissjoni fil-prezentata, kien hemm patteggjament dwar il-piena bejn il-prosekuzzjoni w d-difiza w fil-fatt il-partijiet ivverbalizzaw a fol. 40 li kienu qablu fuq piena ta' erba (4) snin prigunerija w multa ta' mhux inqas minn ta' terz kif stipulat fil-ligi wara li titnaqqas il-piena ai termini tal-artikolu 29 tal-Kap.101 u l-Ewwel Qorti ghamlet riferenza ghal dan fis-sentenza taghha. Dan kollu sar *in open court*, u ghalkemm l-Ewwel Qorti mhux marbuta b' dan il-patteggjament, l-appellant hu sorpriz b' din il-piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2006;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xiehda tal-**Ispettur Prosekutur Norbert Ciappara**, jirrizuilta li hu kien gie avvicinat mid-difiza dwar il-piena, li qaltlu lil-appellant kien behsiebu jammetti wxtaqu jkunu jafu x' kellha f' mohha l-prosekuzzjoni dwar il-piena, in vista li l-appellant kien ikkoopera. Fil-fatt f' dal-kaz kien hemm ko-operazzjoni mall-Pulizija immedjetament, li wasslet lill-pulizijabiextaqbadmall-elf,mitejn u tminjawsebghin pillola ecstacy. Hu kien ikkonsulta mas-superjuri tieghu w u gie *instructed* biex jikkomunika mal-ufficju tal-Avukat Generali. Ghalhekkhu kien tkellem personalment mall-Avukat Generali Dr. Silvio Camilleri u

kienu waslu fis-sens li jigi applikat l-artikolu 29 tal-Kap.101 u il-piena karcerarja tkun imnaqqsa b' zewg gradi , tkun wahda ta' erba snin u l-multa tkun mhux inqas minn terz tal-massimu tal-multa. Qatt ma saret xi nota f' dan is-sens pero' ghalkemm hu kien ghamel diversi tentattivi biex tigi finalizzata din in-nota. Il-Qorti kienet ghamlet id-domanda lilu jekk kienx hemm dan il-ftehim ghax il-Magistrat ried li jkollu l-gwida tal-Avukat Generali. Kien sahansitra ordna komunika lill-Avukat Generali w fl-ahhar, wara sena u nofs, li fihom ma sar xejn, kien hu stess li stieden lil-Qorti biex taghti s-sentenza u l-Qorti tal-Magistrati tat is-sentenza appellata. Zied jghid ukoll pero' li kemm hu, f' understanding mad-difiza, kif ukoll il-Qorti dejjem kienu jifhmu li l-Qorti qatt ma kienet marbuta fuq dak li setghu qablu fuqu.

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell mill-piena erogata mil-Ewwel Qorti biss. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.

F' dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni f' dak l-istadju imexxija minn ufficjal tal-Pulizija kienet tidher favorevoli li jigi appikat l-artikolu 29 tal-Kap.101, kif applikabbli ghar-reati taht il-Kap.31 bl-artikolu 120A(2B) in vista tal-kollaborazzjoni li l-appellant offra lill-Pulizija. Pero' it-tentattiv ta' patteggjament qatt ma rceva il-konferma bil-mitub tal-Avukat Generali minkejja certa stennija da parti tal-Ewwel Qorti w fl-ahhar din deherilha li kellha teroga l-piena applikabbli fic-cirkostanzi.

Ikkonsidrat;

Issa fil-waqt li l-patteggjament fil-Qorti Kriminiali hu regolat minn procedura *ad hoc* u cioe' dik kontenmplata fl-art.

453A tal-Kodici Kriminali, din il-procedura giet estiza ghall-kazijiet quddiem il-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, *mutatis mutandis* , bl-artikolu 392A (5).

Din il-Qorti kellha okkazzjoni li tirreferi ghall-pozizzjoni legali fil-Qrati tal-Magistrati fis-sentenza taghha **"IL-Pulizija vs. Mario Spagnol"** [6.1.2005] fejn gie ritenut *inter alia* li :-

*"Illi dan il-kuncett ta' patteggjament dwar il-piena, sia pure' seta' kien fil-prattika dejjem adoperat b' mod informali kemm fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, ddahhal ghall-ewwel darba b' forma istituzzjonalizzata fil-ligi penali taghna bl-artikolu gdid 453A, introdott bl-Att III tas-sena 2002 u emendat bl-Att XIII tas-sena 2002. Dan l-artikolu jifforma parti mit-Taqsima I tat-Tieni Ktieb, Titolu IV, :* ***"Fuq il-Qorti Kriminali".*** *Bhala rizultat ta' dan l-artikolu gdid b' effett minn Ottubru, 2003, sar possibbli li, <u>qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew mhux hati</u> quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkuzat u l-Avukat Generali jitolbu lil dik il-Qorti li, fil-kaz ta' ammissjoni, tapplika sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni ta' sanzjonjiet jew mizuri tax-xorta u l-kwantita' miftehma bejnithom. Jekk il-Qorti Kriminali tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew mizura jew sanzjonijiet jew mizuri mitluba jkunu tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat jew reati li dwaru jew dwarhom l-akkuzat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jsir il-guri tal-kaz jew ghal xi raguni ohra tichad it-talba, wara li tispjega lill-akkuzat bi kliem car x' ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, l-Qorti Kriminali, meta ssir l-ammissjoni ta' htija ta' l-akkuzat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet. Umbaghad tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qeghdha tinghata tkun qeghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet*." (sottolinear ta' din il-Qorti)

*"Fil-prattika kemm ilha li dahlet in vigore din id-dispozizzjoni gdida, l-Qorti Kriminali qed tirrikjedi li t-talba ssir bil-miktub permezz ta' rikors jew nota kemm jista' jkun*

*minn qabel u possibilment qabel id-data appuntata ghas-smiegh tal-kawza w li kull diskussjoni dwar it-talba issir "***in open court***", biex titnehha kull ombra ta' suspett li l-affarijiet mhux qed isiru fid-deher u kif suppost u biex jigi eliminat kull suspett t' abbuz possibbli li wiehed facilment jista' jimmagina li jista' jigi eskogitat mill-partijiet involuti, jew xi hadd minnhom. Hu mahsub li fejn il-Qorti Kriminali ma tkunx taqbel mas-sanzjoni jew mizura miftehma, li ukoll* ***"in open court****" tiddikjara li, f' dak l-istadju, l-Qorti ma tistax taderixxi ghat-talba."*

*"L-artikolu 392A (5) gdid umbaghad jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu 453A fuq imsemmi ghall-proceduri quddiem il-***Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istrutorja *<u>qabel</u>*** *ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati*<u>***, pero' f' dan il-kaz irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti w n-nota ssir mill-Avukat Generali w mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A tkun bizzejjed ghal dan il-ghan."***</u> **(**sottolinear u emfasi ta' din il-Qorti)

Ikkonsidrat;

Illi fil-kaz in ezami mill-*prime note* verbalizzati (fol. 5) tal-process, ghalkemm jirrizulta li l-appellant mall-ewwel okkazzjoni kien irregistra ammissjoni ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu, ma jirrizultax li – qabel ma l-appellant kien gie mistoqsi hux hati jew mhux hati – kienet saret it-talba konguntiva biex tinghata xi piena miftehma bejn il-partijiet u lanqas ma jirrizulta li deher l-Avukat Generali biex il-procedura fuq specifikata setghet tigi osservata. Ghalhekk zgur li f' dan il-kaz ma japplikax l-artikolu 453A, kif rez applikabbli ghall-proceduri odjerni bl-artikolu 392A (5), bil-proceduri u rekwiziti kollha tieghu.

F'kull kaz, anki kieku sar kollox kif suppost u deher l-Avukat Generali w giet prezentata n-nota konguntiva tal-Avukat Generali w tal-imputat, l-Ewwel Qorti xorta wahda ma kienetx tkun marbuta b' tali ftehim li jkun jidher fin-nota w setghet dejjem tati piena differenti minn dak miftiehem.

*Multo magis* f' dan il-kaz ma kien hemm xejn li jimpedixxi lill-Ewwel Qorti li teroga l-piena li tat.

Ikkonsidrat;

Illi pero' mill-ezami tal-process jidher li saru diversi differimenti biex jilhaq jigi konsultat l-Avukat Generali dwar il-piena li l-ufficjal prosekutur w d-difiza kienu dehru li ftehmu dwarha u biex issir in-nota konguntiva relattiva. Fl-udjenza tal-14 ta' Novembru, 2005, (Fol. 40) kien di fatti gie verbalizzat testwalment hekk :-

*"L-ufficjal prosekutur jixtieq jinforma lill-Qorti li wara li kien avvicinat mid-Difiza, il-Prosekuzzjoni tramite l-Ispettur Norbert Ciappara, waslu, flimkien mad-Difiza, fuq agreed sentence ta' erba (4) snin prigunerija u multa ta' mhux inqas minn 1/3 kif stipulat fil-ligi, wara li tkun tnaqqset il-piena ai termini ta' Section 29 tal-Kap.101 u dan kollu b' konsultazzjoni ma' l-Avukat Generali. "*

*"L-Ispettur Norbertt. N. Ciappara jikkonferma ghall-Qorti illi immedjetament wara l–arrest tieghu, Dustin Brownrigg ta ghajnuna lill-Pulizija li wasslet lill-istess Pulizija biex jinqabdu terzi li kienu jissuplixxu d-droga."*

Minkejja li wara dal-verbal kien saru tlitt differimenti ohra biex *"il-partijiet jirregolaw ruhom mall-Avukat Generali"* , jidher li dan baqa' ma sarx, u fis-7 ta' Lulju, 20096, (fol. 45) l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Li ghalkemm strettament ma giex segwit dak li hemm mahsub fl-artikolu 393A (5) u dan fl-istadju opportun ta' qabel ma l-appellant wiegeb jekk hux hati jew mhux hati, l-Ewwel Qorti, fl-erogazzjoni tal-piena strettament ma kellhiex aktar bzonn li jkollha xi noti mill-Avukat Generali w setghet tistrieh liberament fuq id-dikjarazzjoni verbalizzata mill-Ufficjal Proseklutur fuq imsemmija, ghaliex f' dak l-istadju f' kull kaz ma kientx applikabbli aktar il-formalita' preskritta bl-art. 393A (5) tan-nota konguntiva, li jekk

kellha ssir, suppost saret qabel ma l-appellant ammetta fl-istadju inizjali tal-process.

Pero' anki fejn ma jkunx sar kollox fit-termini tal-imsemmi aret. 393A (5), mhux eskluz li anki quddiem dawn il-Qrati tal-Magistrati f' xi stadju ulterjuri tal-process, il-Prosekuzzjoni w d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f' kaz ta' ammissjoni ta' htija. Jekk dan ikun il-kaz, kif irrakkomandat din il-Qorti fil-kaz ta' **Spagnol** fuq citat, ikun importanti li tali ftehim ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' dik il-Qorti, kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe' jew bil-fomm waqt l-udjenza "**in open court"** jew per mezz ta' xi att gudizzjarju bhal nota konguntiva jew rikors konguntiv tal-partijiet, debitament ipprezentat fir-registru skond kif titlob il-ligi jew seduta stante.

Ghalhekk f'dan l-istadju ulterjuri l-Ewwel Qorti setghet liberament tiehu konjizzjoni tal-imsemmi ftehim verbalizzat b' dana li tibqa' dejjem libera li ssegwi jew ma ssegwix il-ftehim li kien gie verbalizzat *in open court* u ma kienetx proceduralment tiddependi aktar fuq xi Nota ta' l-Avukat Generali. Din il-Qorti tifhem li l-Ewwel Qorti ssollecitat l-intervent bil-miktub tal-Avukat Generali bhala kawtela ulterjuri u li kienet motivata mill-prudenza meta ghamlet dan, pero' ma kienx proceduralment aktar necessarju.

Ikkonsidrat;

B'dana kollu l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li ma tirriflettix strettament dak li gie maqbul mill-prosekuzzjoni w d-difiza dwar il-piena. Jidher li l-Ewwel Qorti qieset il-punti kollha favur il-"*plea in mitigation of punishment"* fis-sentenza appellata, u cioe' l-kondotta netta tal-appellant, l-ammissjoni fl-ewwel stadju tal-process, il-kollaborazzjoni mall-Pulizija li wasslet biex setghu jinstabu kwantita' ta' pilloli ecstasy ohra li ma kienux fuq l-appellant fil-mument li gie mizmum mill-Pulizija kif ukoll li setghu ttiehdu passi kontra terzi, r-rapport tal-probation officer u l-qbil verbalizzat *in open court* bejn l-ufficjal prosekutur u d-

difiza, w li kien applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap.101, ghar-reati in dizamina skond l-artikolu 120A(2B) tal-Kap.31.

Mill-banda l-ohra, l-Ewwel Qorti kellha kaz fejn l-appellant inqabad fil-pussess ta' mhux inqas minn 868 pillola ecstasy li hu numru konsiderevoli ferm ta' pilloli w x' aktarx ghalhekk hasset li l-piena adegwata fic-cirkostanzi kienet dik minnha erogata.

Din il-Qorti, minkejja kull ftehim li seta' kien hemm bejn il-prosekuzzjoni w d-difiza, wara li rriflettiet fit-tul dwar il-kaz, ma tarax li ghandha ragunijiet bizzejjed fic-cirkostanzi biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena, la darba hija entro l-parametri tal-piena, anki kif tista' tigi ridotta bl-applikazzjoni tal-Art.29 tal-Kap. 101 kif applikabbli ghall-kaz.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b' dana li t-terminu li fih ghandha tithallas il-multa jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------